MALTA

# QORTI CIVILI
## PRIM' AWLA
### ONOR. IMHALLEF
### SILVIO MELI

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2014

Rikors Numru. 897/2009

Isabelle **Micallef (karta ta' l-identita` numru 206744 (M)), Rose M. Borg Cardona (karta ta' l-identita` numru 834236 (M)), Antoinette Mifsud (karta ta' l-identita` numru 355538 (M)), Lucienne Azzopardi (karta ta' l-identita` numru 725948(M))**

**vs**

**Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali Civili u Dr. Victor Ragonesi**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat is-17 ta' Settembru, 2009, li permezz tieghu, ir-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti:

1.1 Illi l-pretensjoni ta' l-intimat Dr. Victor Ragonesi hi preskritta *ai termini* tal-artikli 2149 u 2150 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

1.2 Illi m'hu dovut l-ebda ammont lill-istess intimat indikat fil-paragrafu precedenti;

1.3 Illi huma aggravati bil-mod kif ir-Registratur tal-Qorti ntaxxa s-servizzi professjonali tal-intimat l-iehor fuq gia` riferit;

1.4 Illi l-intimat Ragonesi kien qal lir-rikorrenti li ma kien dovut l-ebda hlas ghas-servizzi tieghu;

1.5 Illi l-operat tal-intimat Ragonesi kien zbaljat ghal mod kif iddepozita l-flus fil-bank minghajr reddita, liema imperizja rrekat danni lir-rikorrenti;

1.6 Illi l-istess intimat Ragonesi kien irraggira favur tieghu fidi ta' cens minghajr il-kunsens ta' l-esponenti;

1.7 Illi x-xoghol tal-intimat Ragonesi rigwardanti l-bejgh tal-hanut u dar f'*South Street*, Valletta, sar kontra l-interessi tar-rikorrenti;

1.8 Illi ghaldaqstant, ir-rikorrenti aderew din il-qorti biex l-intimati jkollhom l-opportunita` jirrispondu ghas-segwenti talbiet tar-rikorrenti biex din il-qorti:

1.8.1. Tiddeciedi li l-azzjoni tal-intimat Ragonesi hi wahda preskritta u ghalhekk nulla;

1.8.2. Fl-eventwalita` li l-azzjoni ta' l-intimat fuq indikat hi wahda valida u li ghahekk hu dovut il-pagament ghas-servizzi rezi minnu, tordna li ssir ir-ritassa tad-drittijiet mir-Registratur, *occorrendo* bil-hatra ta' perit *nominand*, jew tidderiegi lir-Registratur ghall-ammont gust u korrett;

1.8.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat *recte* intimati;

2.0. Rat ir-risposta tal-intimat Dr. Victor Ragonesi datata it-13 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha sintetikament espona s-segwenti:

2.1 Illi din hi kawza ghal ritassa u b'hekk ir-rikorrenti qed jirrikonoxxu u jammettu li ghandhom jaghtu ammont lill-intimat hawn riferit ghas-servizzi tieghu ghalkemm mhux jaqblu fuq il-*quantum*;

2.2 Illi ghalhekk l-uniku talba korretta f'din il-procedura hi li tigi riveduta it-taxxa rilaxxata mir-Registratur tal-qorti favur l-intimat hawn riferit;

2.3 Illi ghalhekk it-talba ghal dikjarazzjoni ta' preskrizzjoni tal-ammont dovut mhix korretta;

2.4 Illi t-talba ghall-preskrizzjoni ma tistax issir *per via di azione* izda *per via d'eccezzione*;

2.5 Illi ghalhekk l-ewwel talba tar-rikorrenti mhix sostenibbli;

2.6 Illi r-rikorrenti ammettew ma wlied l-intimat Ragonesi li huma ghandhom jaghtu l-flus *de quo* lilu pero` kienu ser jikkonsultaw avukat qabel;

2.7 Illi t-taxxa rilaxxata mill-intimat Registratur hi korretta u hi ibbazata fuq servizzi rezi mill-intimat *de quo* fuq riferit tul il-perjodu mill-1994 sal-2001;

2.8 Illi r-rikorrenti ghandhom jindikaw kemm ghandha tkun is-somma dovuta minnhom;

2.9 Illi *in oltre*, hemm hafna allegazzjonijiet vagi u fiergha fir-rikors promotur, fosthom:

2.9.1. Li mhux minnu li l-intimat Ragonesi qal lir-rikorrenti li ma riedx jithallas tas-servizzi minnu lilhom rezi;

2.9.2. Illi kieku kien kif hekk sostenut mir-rikorrenti ma kienx jitlob ghat-taxxa mir-Registratur;

2.9.3. Illi r-rikorrenti ghandhom jindikaw meta saru u kemm kienu l-ammonti tal-pagamenti minnhom allegati;

2.9.4. Illi l-intimat ma rrekka l-ebda danni lir-rikorrenti anzi bil-maqlub isostnu li kien ghaqli biex il-flejjes li hu ddepozita f'isem il-konjugi Cilia effettivament zdiedu;

2.9.5. Illi l-allegazzjoni ta' raggir ta' xi somom ta' flus hi inveritiera;

2.9.6. Illi l-allegazjoni li l-bejgh involut sar kontra l-interessi tar-rikorrenti hi wkoll inveritiera u gie ffirmat minn missier ir-rikorrenti;

2.10 B'riserva ghal risposti ohra;

3.0. Rat ir-risposta tar-Registratur intimat datata t-28 t'Ottubru, 2009, li permezz taghha wiegeb bil-mod segwenti:

3.1 Illi t-taxxa minnu rilaxxata hi *ai termini* tal-artikli 556 u 557 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3.2 Illi dan ghamlu fuq talba ta' l-intimat Avukat Dottor Victor Ragonesi;

3.3 Illi ghalhekk f'kaz li din il-qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

4. Rat it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentant legali tal-intimat Ragonesi, (ara fol 54 *et sequitur*);

5. Rat il-verbal taghha datat il-5 ta' Frar, 2013, li permezz tieghu jirrizulta li fuq talba tal-abbli rapprezentanti tal-partijiet it-trattazzjoni tal-kawza giet hekk awtorizzata li ssir bil-modalita` hemm indikata, (ara fol 108);

6. Rat is-sottomissjonijiet tal-kontendenti, dik tal-intimat Registratur datata l-31 ta' Mejju, 2013, (ara fol 112); dik tar-rikorrenti datata s-17 ta' Settembru tal-istess sena, (ara fol 121); u dik tal-intimat Ragonesi datata t-8 t'Ottubru, tal-istess sena, (ara fol 127);

7. Rat in-nota tar-rikorrenti datata t-28 t'Ottubru, 2013;

8. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti flimkien ma' l-affidavidijiet u max-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

9. Semghet ix-xhieda prodotta quddiemha kif issa preseduta;

10. Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi din il-kawza hi wahda biforkuta u hi konsistenti f'dawn is-segwenti zewg binarji:

11.1 Illi r-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni li l-azzjoni minnhom riferita tal-intimat Ragonesi hi preskritta *ai termini* tal-artikli

minnhom citati fir-rikors promotur taghhom, (ara paragrafu numru wiehed punt wiehed, (1.1), aktar qabel;

11.2 Illi t-taxxa rilaxxata mill-intimat Registratur minnhom riferita ghandha terga' tigi intaxxata mill-gdid;

Ikkunsidrat:

12. Illi ghalhekk ghandha l-ewwel tigi indirizzata l-ewwel talba tar-rikorrenti;

13. Illi f'dan ir-rigward din il-qorti hi preokkupata fis-sens li din hi talba irregolari u logikament monka, stante li tali vertenza tqum biss bhala risposta ghal talba esplicita ghall-hlas jew prestazzjoni dovuta li tmut mewta naturali stante t-trapass ta' zmien kif kontemplat fit-titolu tal-preskrizzjoni fil-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

14. Illi fil-procedura odjerna l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni giet utilizzata b'mod kapovolt mir-rikorrenti billi irrikorrew ghaliha minghar ma inkastonawha preventivament bhala risposta ghall-azzjoni intavolata;

15. Illi ghalhekk tali talba tippekka gravament fil-logika processwali necesarja u ghalhekk qieghda minn issa tigi respinta bl-ispejjez;

Ikkunsidrat:

16.0. Illi rigward it-taxxa rilaxxata mir-Registratur intimat ghandu jinghad sintetikament is-segwenti:

16.1 Illi t-taxxa li kopja taghha tidher a fol 10 u 21 tal-process hi t- taxxa meritu ta' din il-procedura;

16.2 Illi din it-taxxa giet rilaxxata minn deputat Registratur t'esperjenza twila f'dan il-qasam partikolari tal-amministrazzjoni tal-qorti;

16.3 Illi t-taxxa *de quo* turi l-ammont dovut kif mahdum mill-istess deputat Registratur fuq riferit ghas-servizzi rezi mill-intimat l-iehor Dottor Ragonesi lir-rikorrenti;

16.4 Illi l-istess relatur fuq indikat jispecifika li fir-redazzjoni tal-istess taxxa, l-intimat Ragonesi " … ma kienx qieghed jagixxi bhala avukat biss, kien ukoll kuratur ta' persuna interdetta, kien esekutur ta' persuni ohra mejta involuti fl-istess process, u kien ukoll qed jagixxi ta' avukat", (ara fol 90);

16.5 Illi in vista tas-servizzi rezi mill-intimat Ragonesi, d-deputat Registratur involut, ghalhekk intaxxa d-drittijiet dovuti lill-istess fl-ammont komplessiv ta' erbgha u ghoxin elf, mija u disgha u tletin Ewro u sebgha u tmenin centezmu, (€24,139.87), oltre l-ammont ta' erbat elef, tlett mija u hamsa u erbghin Ewro u sbatax –il centezmu, (€4,345.17), taxxa fuq il-valur mizjud, *oltre* hdax –il Ewro u hamsa u sittin centezmu, (€11.65), bhala spejjez;

Ikkunsidrat:

17. Illi fir-rigward tat-taxxa in dizamina l-istess intimat Ragonesi kien gie mitlub mid-deputat Registratur *de quo* biex jelenka s-servizzi li hu stess kien esegwixxa ghan-nom tal-klijenti tieghu, ir-rikorrenti odjerni, kif fil-fatt jirrizulta li effettivament ezegwixxa dettaljatament (ara fol 99 sa 105), u datata l-5 ta' Novembru, 2012;

18. Illi *di piu`*, l-istess deputat Registratur relatanti jikkonferma bil-gurament tieghu li bl-ebda mod ma gie kontradett jew iccensurat mill-kontroparti li:

> " … it-taxxa li jien irrilaxxajt favur Dr. Ragonesi kienet wahda minima ghal dak li ghandu x'jaqsam mas-servizzi professjonali tieghu bhala avukat", (ara fol 94);

Ikkunsidrat:

19. Illi ghandu jigi sottolineat li minhabba r-relazzjoni tajba li jirrizulta li kien hemm bejn l-intimat Ragonesi u l-genituri tar-rikorrenti jista' jaghti l-kaz li dan wassal ghal nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet ta' dak kollu involut fl-operat hawn sottopost ghall-iskrutinju;

20. Illi pero`, nonostante cio`, jibqa' l-fatt li l-operat tad-deputat Registratur hawn ezaminat ma jwassalx lil din il-qorti biex b'xi mod ticcensurah u ghalhekk tikkonkordi mieghu, meta sostna li effettivament, tenut kont tal-lista estensiva ta' servizzi rezi mill-intimat Ragonesi fuq indikata, it-taxxa rilaxxata kienet pjuttost konservattiva;

**DECIDE:**

21.0. Illi tenut kont tas-suespost allura taqta` u tiddeciedi bil-mod segwenti:

21.1 Illi takkolji r-risposti tal-intimati fuq indikati;

21.2 Illi fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti:

21.2.1. Waqt li terga' tirreferi ghall-paragrafu numru hmistax, (15), aktar qabel, ghar-ragunijiet hemm indikati, terga' tiddikjara li qed tirrespingi dik l-ewwel talba tar-rikorrenti rigwardanti l-allegata preskrizzjoni minnhom sollevata fil-konfront tal-intimat Dottor Victor Ragonesi;

21.2.2. Tirrespingi t-tieni talba tar-rikorrenti rigwardanti r-ritassa minnhom mitluba stante li ghar-ragunijiet fuq espressi ma ssib xejn x'ticcensura fl-operat tar-Registratur intimat fir-rigward;

21.2.3. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra r-rikorrenti fuq gia` riferiti.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------